KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fit-2 ta' Frar 2021 [1]

Kawża C-194/19

H. A.
vs
État belge

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mressqa f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Trasferiment ta' responsabbiltà – Artikolu 27 – Rimedji ġudizzjarji – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju – Obbligu, għall-qorti nazzjonali, li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment li jista' jkollhom effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Kundizzjonijiet"

I. Introduzzjoni

1. Applikant għal protezzjoni internazzjonali ressaq l-applikazzjoni tiegħu fi Stat Membru, iżda kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' trasferiment lejn Stat Membru ieħor. Xi jiem iktar tard, ħuh wasal fl-ewwel Stat Membru u ressaq applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f'dak l-Istat Membru.

2. Il-qorti tal-ewwel Stat Membru adita mill-applikant b'rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanza, sussegwenti għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, ikkostitwita mill-wasla ta' ħuh u mit-tressiq minn dan tal-aħħar ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali? Din hija, essenzjalment, id-domanda magħmula mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju) [2].

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Għandha ssir distinzjoni bejn din is-sitwazzjoni u dik li fiha l-fatti invokati mill-applikant kienu diġà jeżistu fil-mument tat-tressiq tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, kwistjoni li hija s-suġġett tal-Kawża C-18/20, Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl (Applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali), attwalment pendenti.

3. Din il-kawża ser twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża l-ġurisprudenza tagħha dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013[3] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin III"), moqri fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha teżamina f'liema kuntest għandu jseħħ l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali u jekk il-wasla ta' membru tal-familja tiegħu, f'dan il-każ ħuh, li wkoll huwa applikant għal protezzjoni internazzjonali, tikkostitwixxix ċirkustanza li jista' jkollha effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament Dublin III

4. Skont il-premessi 4, 5 u 19 tar-Regolament Dublin III:

"(4) Il-konklużjonijiet [tal-Kunsill Ewropew, adottati waqt il-laqgħa speċjali tiegħu] ta' Tampere [fil-15 u fis-16 ta' Ottubru 1999,] ddikjaraw ukoll li s-[Sistema Ewropea Komuni tal-Asil] għandha tinkludi, fit-terminu qasir, metodu ċar u li jiffunzjona biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil.

(5) Metodu tali għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u ġusti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni kkonċernati. B'mod partikolari, dan il-metodu għandu jiddetermina minnufih l-Istat Membru responsabbli, biex ikun iggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u ma jkunx kompromess l-għan tal-ipproċessar bil-ħeffa ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

[…]

(19) Sabiex tkun garantita il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-individwi kkonċernati„ għandhom ikun stabbiliti salvagwardji legali u d-dritt għal rimedju effettiv fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli, f'konformità, b'mod partikolari mal-Artikolu 47 tal-[Karta]. Sabiex jiġi żgurat li jiġi rispettat id-dritt internazzjonali, rimedju effettiv kontra tali deċiżjonijiet għandu jkopri kemm l-analiżi tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-eżami tas-sitwazzjoni legali u fattwali fl-Istat Membru li għalih jiġi ttrasferit l-applikant."

5. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Suġġett", jistabbilixxi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida […]"

[3] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50).

6. L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi, fil-punt (g) tiegħu:

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

(g) 'memri tal-familja' tfisser, sakemm il-familja diġà kienet teżisti fil-pajjiż ta' oriġini, dawn il-membri tal-familja tal-applikant li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:

– il-konjuġi tal-applikant jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli, fejn il-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġin b'mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu marbuta ma' ċittadini ta' pajjiż terz;

– it-tfal minorenni ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant, bil- kondizzjoni li mhumiex miżżewġin u irrispettivament minn jekk twildux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali;

– meta l-applikant ikun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;

– meta l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn il-benefiċjarju jkun preżenti[.]"

7. L-Artikolu 3 tal-istess regolament, intitolat "L-aċċess għall-proċedura tal-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali", jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li japplika fit-territorju ta' xi wieħed minnhom, inkluż fil-konfini jew fiż-żoni ta' transitu. L-applikazzjoni għandha tkun eżaminata minn Stat Membru wieħed, li għandu jkun dak li l-kriterji ddikjarati fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament juru li huwa responsabbli.

2. Fejn ebda Stat Membru responsabbli ma jkun jista' jinħatar fuq il-bażi tal-kriterji elenkati f'dan ir-Regolament, l-ewwel Stat Membru li fih l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata għandu jkun responsabbli biex jeżaminaha.

Fejn huwa impossibbli li applikant jiġi trasferit għall-Istat Membru primarjament nominat bħala responsabbli għax ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li hemm difetti sistemiċi fil-proċedura tal-asil u fil-kondizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti f'dak l-Istat Membru, li jirriżultaw f'riskju ta' trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-[Karta], l-Istat Membru determinanti għandu jkompli jeżamina l-kriterji stipulati fil-Kapitolu III sabiex jistabbilixxi jekk Stat Membru ieħor jistax jiġi nominat bħala responsabbli.

[…]"

8. L-Artikolu 7 tar-Regolament Dublin III, intitolat "Ġerarkija ta' kriterji", jaqra kif ġej, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"L-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabiliti f'dan il-Kapitlu għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni eżistenti meta l-applikant iddepożita għall-ewwel darba l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu jew tagħha għand Stat Membru."

9. L-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, intitolat "Membri tal-familja li huma applikanti għall-protezzjoni internazzjonali", jistabbilixxi:

"Jekk l-applikant għandu membru tal-familja fi Stat Membru li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu f'dak l-Istat Membru tkun għadha ma kenitx suġġetta għall-ewwel deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm il-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub."

10. L-Artikolu 12 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ħruġ ta' dokumenti ta' residenza jew viża", jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' viża valida, l-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm il-viża ma tkunx inħarġet f'isem Stat Membru ieħor taħt arranġament ta' rappreżentanza kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi [4]. F'każ bħal dan, l-Istat Membru rappreżentat għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali."

11. L-Artikolu 17 tar-Regolament Dublin III, intitolat "Klawsoli deskrezzjonali", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Permezz ta' deroga mill-Artikolu 3(1), kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu minn ċittadin ta' pajjiż terz [jew persuna apolida], ukoll jekk it-tali eżami ma jaqax taħt ir-responsabbilta tiegħu taħt il-kriterji preskritti f'dan ir-Regolament.

L-Istat Membru li jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont dan il-paragrafu għandu jsir l-Istat Membru responsabbli u għandu jassumi l-obbligi assoċjati ma' dik ir-responsabbiltà. […]

[…]"

12. L-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament, intitolat "Rimedji", jaqra kif ġej:

"1. L-applikant […] għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv, fil-forma ta' appell jew reviżjoni, fil-fatt u fil-liġi, mid-deċiżjoni tat-trasferiment, quddiem qorti jew tribunal.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal perijodu ta' żmien raġonevoli li fih l-applikant jew il-persuna kkonċernata jista' jeżerċita d-dritt għal rimedju effettiv skont il-paragrafu 1.

4 ĠU 2009, L 243, p. 1.

3. Għall-iskopijiet ta' appelli kontra, jew reviżjonijiet ta', -deċiżjonijiet ta' trasferiment, l-Istati Membri għandhom jipprevedu fil-liġi nazzjonali tagħhom li:

(a) l-appell jew ir-reviżjoni tagħti lill-applikant id-dritt li jibqa' fl-Istat Membru kkonċernat sakemm jintlaħaq l-eżitu tal-appell jew ir-reviżjoni; jew

(b) it-trasferiment huwa sospiż awtomatikament u tali sospensjoni tiskadi wara ċertu perijodu ta' żmien raġonevoli, f'liema żmien qorti jew tribunal, wara skrutinju mill-qrib u rigoruż, tkun ħadet deċiżjoni dwar jekk għandux jingħata effett sospensiv lil appell jew reviżjoni; jew

(c) il-persuna kkonċernata jkollha l-opportunità li titlob f'perijodu ta' żmien raġonevoli lil qorti jew tribunal biex jissospendi l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment sakemm jintlaħaq l-eżitu tal-appell jew reviżjoni tiegħu/tagħha L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm rimedju effettiv billi jissospendu t-trasferiment sakemm tittieħed deċiżjoni rigward l-ewwel talba għal sospensjoni. Kwalunkwe deċiżjoni dwar jekk l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment għandhiex tiġi sospiża għandha tittieħed f'perijodu ta' żmien raġonevoli, filwaqt li tippermetti skrutinju mill-qrib u rigoruż tat-talba għal sospensjoni. Deċiżjoni li l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment ma tiġix sospiża għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jaġixxu ex officio fis-sospensjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tat-trasferiment sakemm iseħħ l-eżitu tal-appell jew reviżjoni.

[…]"

13. L-Artikolu 29 tal-imsemmi regolament, intitolat "Modalitajiet u żmien limitu", jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. It-trasferiment tal-applikant […] mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u l-aktar tard fi żmien sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba minn Stat Membru ieħor biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata jew tad-deċiżjoni finali wara appell jew reviżjoni fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 27(3).

[…]

2. Fejn it-trasferiment ma jsirx fiż-żmien limitu ta' sitt xhur, l-Istat Membru responsabbli għandu jitneħħewlu l-obbligi biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata u r-responsabbiltà għandha tkun trasferita lill-Istat Membru rikjedenti. Dan il-limitu ta' żmien jista' jkun estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax ikun eżegwit minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata jew sa massimu ta' tmintax-il xahar jekk il-persuna kkonċernata tkun ħarbet."

2. Id-Direttiva 2013/32/UE

14. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2013/32/UE [5] jistabbilixxi:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġu stabbiliti proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal- protezzjoni internazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2011/95/UE [6]."

15. L-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal, kontra dawn li ġejjin:

(a) deċiżjoni meħuda dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, inkluża deċiżjoni:

(i) li tikkunsidra applikazzjoni bħala bla bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat u/jew status ta' protezzjoni sussidjarja,

[…]

3. Sabiex ikunu konformi mal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li rimedju effettiv jipprovdi għal eżami sħiħ u *ex nunc* ta' kemm il-fatti kif ukoll il-punti tal-liġi, inkluż fejn applikabbli eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva [2011/95], ta' mill-inqas fi proċeduri ta' appell quddiem qorti jew tribunal ta' prima istanza.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu limiti ta' żmien raġonevoli u regoli meħtieġa oħra għall-applikant sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv skont il-paragrafu 1. Il-limiti ta' żmien ma għandhomx jagħmlu tali eżerċizzju impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

[…]"

B. Id-dritt Belġjan

16. L-Artikolu 39/2(2) tal-loi sur l'accès au territoire, le séjour, l'établissement et l'éloignement des étrangers, du 15 décembre 1980 (il-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 dwar l-Aċċess għat-Territorju, ir-Residenza, l-Istabbiliment u t-Tneħħija tal-Barranin) [7], fil-verżjoni tagħha applikabbli fid-data tal-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980"), jipprovdi:

"Il-[Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju)] għandu jiddeċiedi, permezz ta' sentenzi, dwar l-annullament tar-rikorsi l-oħra għal ksur ta' rekwiżiti proċedurali sostanzjali, jew preskritti taħt piena ta' invalidità, eċċess jew użu ħażin ta' poter."

5 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

6 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

7 *Moniteur belge* tal-31 ta' Diċembru 1980, p. 14584.

17. It-tieni u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 39/82(4) ta' din il-liġi jipprovdu:

"Meta barrani jkun is-suġġett ta' miżura ta' tneħħija jew ta' refoulement li l-eżekuzzjoni tagħha tkun imminenti, b'mod partikolari meta jinżamm f'post iddeterminat previst fl-Artikoli 74/8 u 74/9 jew jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Gvern, huwa jista', jekk ma jkunx għadu talab is-sospensjoni tagħha bil-mezz ordinarju, jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' din il-miżura b'urġenza estrema fit-terminu previst fis-subparagrafu 3 tal-Artikolu 39/57, § 1.

[…]

Il-President tal-Awla jew l-Imħallef għall-Kwistjonijiet dwar Barranin għandu jwettaq eżami mill-qrib u rigoruż tal-provi kollha mressqa għall-konjizzjoni tiegħu, b'mod partikolari dawk li huma ta' natura li jindikaw li jeżistu motivi li wieħed jemmen li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kienet tesponi lir-rikorrent għar-riskju li jiġi suġġett għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li minnhom ebda deroga ma hija possibbli skont l-Artikolu 15(2) tal-[Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, iktar 'il quddiem il-'KEDB'], li huwa s-suġġett ta' eżami mill-qrib u rigoruż."

18. L-Artikolu 39/84 tal-imsemmija liġi jistabbilixxi:

"Meta l-Conseil [du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin)] jiġi adit b'talba għas-sospensjoni ta' att skont l-Artikolu 39/82, huwa biss għandu l-kompetenza sabiex, b'mod provviżorju u taħt il-kundizzjonijiet previsti fis-subparagrafu 1 tal-Artikolu 39/82, § 2, jordna l-miżuri kollha neċessarji għas-salvagwardja tal-interessi tal-partijiet jew tal-persuni li jkollhom interess fis-soluzzjoni tal-kawża, b'eċċezzjoni tal-miżuri relatati ma' drittijiet ċivili.

Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati, wara li jinstemgħu jew jissejħu debitament il-partijiet, permezz ta' sentenza motivata tal-President tal-Awla kompetenti sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu jew mill-Imħallef għall-Kwistjonijiet dwar Barranin li huwa jaħtar għal dan il-għan.

Fil-każ ta' urġenza estrema, jistgħu jiġu ordnati miżuri provviżorji mingħajr ma jkunu nstemgħu l-partijiet jew uħud minnhom.

Is-subparagrafu 2 tal-Artikolu 39/82, § 2, għandu japplika għas-sentenzi mogħtija skont dan l-artikolu.

Ir-Re għandu jistabbilixxi, permezz ta' digriet iddeliberat fil-Kunsill tal-Ministri, il-proċedura dwar il-miżuri previsti minn dan l-artikolu."

19. L-Artikolu 39/85(1) u (3) tal-istess liġi jaqra kif ġej:

"§ 1. Meta barrani jkun is-suġġett ta' miżura ta' tneħħija jew ta' refoulement li l-eżekuzzjoni tagħha ssir imminenti, b'mod partikolari meta sussegwentement jinżamm f'post iddeterminat previst fl-Artikoli 74/8 u 74/9 jew jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Gvern, il-barrani jista', permezz ta' miżuri provviżorji fis-sens tal-Artikolu 39/84, jitlob li l-Conseil [du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin)] jeżamina kemm jista' jkun malajr talba għal sospensjoni ordinarja mressqa qabel, bil-kundizzjoni li din tkun tniżżlet fil-lista tal-kawżi u li l-Conseil [(il-Kunsill)] ma jkunx għadu ddeċieda fir-rigward tagħha. Din it-talba għal miżuri provviżorji għandha titressaq fit-terminu previst fis-subparagrafu 3 tal-Artikolu 39/57, § 1.

[…]

§ 3. Bla ħsara għall-§ 1, mar-riċezzjoni tat-talba għal miżuri provviżorji, ma tistax titwettaq l-eżekuzzjoni forzata tal-miżura ta' tneħħija jew ta' refoulement sakemm il-Conseil [du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin)] jiddeċiedi fuq it-talba mressqa. Jekk is-sospensjoni ma tingħatax, l-eżekuzzjoni forzata għandha mill-ġdid tkun possibbli."

III. Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

20. Fit-22 ta' Mejju 2017, H. A. (iktar 'il quddiem l-"appellant"), ta' oriġini Palestinjana, wasal fil-Belġju. L-għada, huwa ressaq applikazzjoni għall-asil f'dan l-Istat Membru.

21. Fil-31 ta' Mejju 2017, l-awtoritajiet Belġjani semgħu lill-appellant bil-għan li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Regolament Dublin III.

22. Fit-22 ta' Ġunju 2017, l-awtoritajiet Belġjani ressqu talba lill-awtoritajiet Spanjoli għall-finijiet ta' teħid inkarigu tal-appellant, abbażi tal-Artikolu 12(2) ta' dan ir-regolament. Fl-4 ta' Lulju 2017, l-awtoritajiet Spanjoli aċċettaw li jieħdu inkarigu tal-appellant.

23. Fl-1 ta' Awwissu 2017, l-awtoritajiet Belġjani ħadu deċiżjoni ta' rifjut ta' residenza fil-konfront tal-appellant u ordnaw lil dan tal-aħħar jitlaq mit-territorju Belġjan (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-1 ta' Awwissu 2017").

24. Fil-25 ta' Awwissu 2017, l-appellant ippreżenta rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin), flimkien ma' talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni. Huwa sostna li ħuh kien wasal fil-Belġju fit-22 ta' Awwissu 2017, li dan tal-aħħar kien ressaq applikazzjoni għall-asil f'dan l-Istat Membru u li, minħabba l-aspetti komuni tal-applikazzjoni tiegħu għall-asil u ta' dik ta' ħuh, kien indispensabbli li l-applikazzjonijiet inkwistjoni jiġu eżaminati flimkien mill-awtoritajiet Belġjani.

25. Permezz ta' sentenza tat-30 ta' Novembru 2017, il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) ċaħad dan ir-rikors, billi qies li l-wasla ta' ħu l-appellant fil-Belġju u l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, li dak iż-żmien kienet pendenti, kienu provi sussegwenti għad-deċiżjoni tal-1 ta' Awwissu 2017, li ma setax ikollhom effett fuq il-legalità ta' din tal-aħħar.

26. Fit-28 ta' Diċembru 2017, l-appellant ippreżenta appell ta' kassazzjoni minn din is-sentenza quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat), billi sostna, b'mod partikolari, li l-imsemmija sentenza kienet tikser l-Artikolu 27 tar-Regolament Dublin III, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta.

27. Insostenn ta' dan l-appell, l-appellant espona li, fil-mument meta nstema' mill-awtoritajiet Belġjani fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, jiġifieri fil-31 ta' Mejju 2017, huwa kien għadu ma kienx f'pożizzjoni li jsemmi l-fatt, minn naħa, li ħuh, li wasal fil-Belġju sussegwentement, kien ressaq applikazzjoni għall-asil f'dan l-Istat Membru u, min-naħa l-oħra, li l-awtoritajiet Belġjani kienu rrikonoxxew ir-responsabbiltà tagħhom sabiex jeżaminaw din l-applikazzjoni tal-aħħar. Għalhekk huwa seta' jinvoka din il-prova ġdida biss fir-rikors tiegħu kontra d-deċiżjoni tal-1 ta' Awwissu 2017. L-appellant sostna li l-applikazzjonijiet għall-asil

imressqa minn ħuh u minnu, li kellhom rabtiet mill-qrib minħabba n-natura komuni tal-elementi ta' persekuzzjoni li huma sofrew, messhom ġew eżaminati flimkien mill-awtoritajiet Belġjani. F'dan ir-rigward, l-appellant jikkontesta r-rifjut tal-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) li jieħu din iċ-ċirkustanza ġdida inkunsiderazzjoni minħabba n-natura sussegwenti tagħha għad-deċiżjoni tal-1 ta' Awwissu 2017 u jikkontestalu li llimita ruħu għal stħarriġ tal-legalità, meta l-imsemmija ċirkustanza kienet potenzjalment deċiżiva sabiex issir analiżi ekwa tal-applikazzjoni tiegħu għall-ażil, b'mod li tiġi ostakolata d-deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tiegħu.

28. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jirrileva li, skont l-Artikolu 39/2(2) tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980, l-istħarriġ ġudizzjarju mwettaq mill-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) fir-rigward ta' deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-kuntest tar-Regolament Dublin III jirrigwarda l-legalità ta' din id-deċiżjoni, abbażi tal-proċess u tal-elementi ta' informazzjoni fil-pussess tiegħu. F'dan il-każ, ir-rifjut tal-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) li jieħu inkunsiderazzjoni provi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-1 ta' Awwissu 2017 għalhekk huwa konformi ma' din id-dispożizzjoni.

29. Madankollu, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mad-dritt għal rimedju effettiv previst fl-Artikolu 27 tar-Regolament Dublin III, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, tas-sitwazzjoni li fiha l-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-kuntest tar-Regolament Dublin III jitwettaq mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-eżami tal-legalità ta' din id-deċiżjoni, provi sussegwenti għall-adozzjoni ta' din tal-aħħar.

30. Il-qorti tar-rinviju tindika li, fil-kwalità tagħha ta' qorti ta' kassazzjoni, ma huwiex il-kompitu tagħha li tevalwa, fil-prattika, l-effett li l-provi ġodda invokati mill-appellant jista' jkollhom fuq id-determinazzjoni tal-Istat responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mressqa minnu.

31. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 27 tar-[Regolament Dublin III], meħud waħdu u flimkien mal-Artikolu 47 tal-[Karta], għandu jiġi interpretat bħala li jobbliga, sabiex jiġi ggarantit dritt għal rikors effettiv, lill-qorti nazzjonali tieħu inkunsiderazzojni, fejn xieraq, elementi suċċessivi għad-deċiżjoni ta' 'trasferiment Dublin'?"

32. L-appellant, il-Gvern Belġjan u dak Olandiż, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea, ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. L-appellant, il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni ppreżentaw ukoll osservazzjonijiet orali waqt is-seduta għat-trattazzjoni li saret fid-9 ta' Novembru 2020.

IV. Analiżi

A. Fuq l-ammissibbiltà

33. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Belġjan isostni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari għar-raġuni li, wara li skada t-terminu ta' sitt xhur previst għall-eżekuzzjoni tat-trasferiment fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III, ir-Renju tal-Belġju sar l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tal-appellant.

34. Bi tweġiba għal mistoqsija bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) indika li ma huwiex possibbli għalih li jiddeċiedi attwalment, fuq inizjattiva tiegħu u mingħajr dibattitu, li l-appellant ma għadx għandu interess li jikseb il-kassazzjoni tas-sentenza tal-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) tat-30 ta' Novembru 2017 u li risposta għad-domanda magħmula ma għadhiex neċessarja għas-soluzzjoni tat-tilwima mressqa quddiemu, fil-kwalità tiegħu ta' qorti ta' kassazzjoni.

35. F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha tkun tressqet it-tilwima u li jkollha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, meta d-domandi magħmula jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun, bħala prinċipju, marbuta li tiddeċiedi [8].

36. F'dan il-każ, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju u tat-teħid ta' pożizzjoni tagħha dwar ir-rilevanza tad-domanda preliminari, għandu jiġi konkluż, minkejja li personalment għandi dubji serji dwar il-motivazzjoni ta' dan it-teħid ta' pożizzjoni, inkluż fil-kuntest ta' rikors għal annullament u ta' stħarriġ tal-legalità, li risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domanda magħmula tibqa' utli għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali.

37. Għaldaqstant, din it-talba għal deċiżjoni preliminari ser tiġi eżaminata bħala ammissibbli.

B. Fuq il-mertu

1. Fuq in-neċessità ta' stħarriġ ġudizzjarju li jieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali

38. Skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, l-applikant għal protezzjoni internazzjonali għandu jkollu dritt għal rimedju effettiv, fil-forma ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment jew ta' reviżjoni, fil-fatt u fid-dritt, ta' din id-deċiżjoni, quddiem qorti.

[8] Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2020, J & S Service (C-620/19, EU:C:2020:1011, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39. Il-portata tar-rikors disponibbli għall-applikant għal protezzjoni internazzjonali kontra deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tiegħu hija speċifikata fil-premessa 19 tar-Regolament Dublin III, li tindika li, sabiex jiġi ggarantit ir-rispett tad-dritt internazzjonali, ir-rimedju effettiv stabbilit minn dan ir-regolament kontra deċiżjonijiet ta' trasferiment għandu jkopri, minn naħa, l-eżami tal-applikazzjoni tal-imsemmi regolament u, min-naħa l-oħra, l-eżami tas-sitwazzjoni fil-fatt u fid-dritt fl-Istat Membru li lejh l-applikant jiġi ttrasferit [9].

40. Barra minn hekk, il-formulazzjoni tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III ma ssemmi ebda limitazzjoni tal-argumenti li jistgħu jiġu invokati mill-applikant għall-ażil fil-kuntest tar-rikors tiegħu [10].

41. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà eżaminat, diversi drabi, il-kwistjoni tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali. Hija kkunsidrat iż-żewġ xenarji li ġejjin, li jimponu fuq il-qorti adita b'rikors kontra deċiżjoni ta' trasferiment li teżamina tali ċirkustanzi sussegwenti.

a) Il-protezzjoni tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali kontra r-riskju li jiġi suġġett għal trattamenti inumani jew degradanti fl-Istat Membru responsabbli

42. L-ewwel xenarju jirrigwarda s-sitwazzjoni li fiha deċiżjoni ta' trasferiment, li ġiet adottata, ma tiġix eżegwita sabiex tippermetti lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha josservaw l-obbligi tagħhom dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali, abbażi tal-Artikolu 4 tal-Karta.

43. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li l-Istati Membri, inklużi l-qrati nazzjonali, huma meħtieġa li ma jittrasferixxux applikant għall-ażil lejn l-Istat Membru responsabbli meta ma jistgħux ma jkunux jafu li n-nuqqasijiet sistemiċi fil-proċedura ta' ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti għall-ażil f'dan l-Istat Membru jikkostitwixxu motivi serji u kkonfermati li jwasslu lil dak li jkun sabiex jemmen li l-applikant ser ikun affaċċjat b'riskju reali li jiġi suġġett għal trattamenti inumani jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta [11].

44. Sabiex tasal għal din il-konstatazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") [12]. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, f'kawża oħra, il-Qorti EDB stabbilixxiet li, sabiex tevalwa r-realtà ta' allegat riskju ta' trattamenti li jmorru kontra l-Artikolu 3 tal-KEDB, fir-rigward ta' barranin mhedda bi tkeċċija jew b'estradizzjoni, hija għandha twettaq *eżami sħiħ u ex nunc* tas-sitwazzjoni li teżisti fil-pajjiż ta' destinazzjoni, peress li din is-sitwazzjoni tista' *tinbidel mal-mogħdija taż-żmien* [13]. Minkejja li l-fatt li jitwettaq tali eżami *ex nunc* iqajjem riżervi fi ħdan il-Qorti EDB stess [14], dan ġie kkonfermat [15].

9 Sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Mengesteab (C-670/16, EU:C:2017:587, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Ghezelbash (C-63/15, EU:C:2016:409, punt 36).

11 Sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, N. S. *et* (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 94), kif ukoll tal-10 ta' Diċembru 2013, Abdullahi (C-394/12, EU:C:2013:813, punt 60).

12 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, N. S. *et* (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 88). Il-Qorti tal-Ġustizzja semmiet is-sentenza tal-Qorti EDB tal-21 ta' Jannar 2011, M.S.S. vs Il-Belġju u Il-Greċja (CE:ECHR:2011:0121JUD003069609).

13 Qorti EDH, 23 ta' Mejju 2007, Salah Sheekh vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (CE:ECHR:2007:0111JUD000194804, punt 136).

14 Ravarani, G., *Évaluation de la crédibilité des demandeurs d'asile: charge de la preuve et limites de l'examen par la CEDH*, Qorti EDH, 2017, https://www.echr.coe.int/Documents/Speech_20170127_Ravarani_JY_FRA.pdf

15 Ara, b'mod partikolari, Qorti EDH, 23 ta' Marzu 2016, F.G. vs L-Isvezja (CE:ECHR:2016:0323JUD004361111, punt 115).

45. Huwa irrilevanti, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Karta, jekk huwiex fil-mument innifsu tat-trasferiment, matul il-proċedura ta'ażil jew wara li din tintemm li l-persuna kkonċernata, minħabba t-trasferiment tagħha lejn l-Istat Membru responsabbli fis-sens tar-Regolament Dublin III, tista' tiġi esposta għal riskju serju ta' trattament inuman jew degradanti [16].

46. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III jikkostitwixxi kodifikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [17]. Konsegwentement, dan ir-regolament stess diġà jipprevedi, espressament, ċirkustanza, jiġifieri l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi fl-Istat Membru responsabbli li jwasslu għal riskju ta' trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, li l-fatt li sseħħ sussegwentement għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali jipprekludi l-eżekuzzjoni ta' din tal-aħħar.

47. F'dan il-każ, il-kawża prinċipali ma tqajjimx il-kwistjoni tar-riskju li wieħed jiġi suġġett għal tali trattamenti inumani jew degradanti fl-Istat Membru ta' teħid inkarigu [18].

b) L-eżistenza ta' ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment determinanti għall-applikazzjoni korretta tar-Regolament Dublin III

48. It-tieni xenarju ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li skontha r-riferiment, li jinsab fil-premessa 19 tar-Regolament Dublin III, għall-eżami tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, fil-kuntest tar-r-rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment previst fl-Artikolu 27(1) ta' dan ir-regolament, għandu jinftiehem fis-sens li huwa intiż, b'mod partikolari, għall-istħarriġ tal-applikazzjoni korretta tal-kriterji ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, stabbiliti fil-Kapitolu III tal-imsemmi regolament, inkluż il-kriterju ta' responsabbiltà msemmi fl-Artikolu 12 tal-istess regolament [19].

49. Għaldaqstant, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, moqri fid-dawl tal-premessa 19 tiegħu, jista' jwassal sabiex titqiegħed inkwistjoni r-responsabbiltà ta' Stat Membru, anki fl-assenza ta' nuqqasijiet sistemiċi fil-proċedura ta'ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti għall-ażil f'dan l-Istat Membru li jwasslu għal riskju ta' trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta [20].

50. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li, f'dak li jirrigwarda d-deċiżjonijiet ta' trasferiment, il-leġiżlatur tal-Unjoni ssuġġetta l-legalità tagħhom għal garanziji billi ta b'mod partikolari lill-applikant għall-ażil ikkonċernat, fl-Artikolu 27 tar-Regolament Dublin III, id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti kontra tali deċiżjoni, rimedju li l-portata tiegħu tkopri kemm iċ-ċirkustanzi ta' fatt kif ukoll ta' liġi fir-rigward tagħha [21].

16 Sentenza tad-19 ta' Marzu 2019, Jawo (C-163/17, EU:C:2019:218, punt 88).

17 Sentenza tat-23 ta' Jannar 2019, M.A. *et* (C-661/17, EU:C:2019:53, punt 84).

18 Mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-kawża prinċipali, l-awtoritajiet Belġjani wettqu eżami ddettaljat ta' din il-kwistjoni f'dak li jirrigwarda lill-appellant.

19 Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Ghezelbash (C-63/15, EU:C:2016:409, punt 44).

20 Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Karim (C-155/15, EU:C:2016:410, punt 22).

21 Sentenza tas-16 ta' Frar 2017, C. K. *et* (C-578/16 PPU, EU:C:2017:127, punt 64).

51. Is-sentenza Shiri [22] kkostitwixxiet l-ewwel stadju tat-teħid inkunsiderazzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment, bil-għan li jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

52. Fil-kawża li wasslet għal dik is-sentenza, l-awtorità Awstrijaka kompetenti kienet iddikjarat l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' Majid Shiri inammissibbli, ordnat it-tneħħija tiegħu u kkonstatat li t-trasferiment tiegħu lejn il-Bulgarija kien legali. M. Shiri ppreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni, billi sostna li r-Repubblika tal-Awstrija kienet saret l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' trasferiment ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament Dublin III. F'dak il-każ, dan it-terminu ta' sitt xhur kien skada f'data sussegwenti għal dik tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment.

53. Għalhekk kienet il-Qorti tal-Ġustizzja li kellha tiddetermina jekk kienx konformi mad-dritt tal-Unjoni li l-qorti Awstrijaka adita tieħu inkunsiderazzjoni din iċ-ċirkustanza sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment.

54. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, moqri fid-dawl tal-premessa 19 ta' dan ir-regolament, kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li applikant għal protezzjoni internazzjonali għandu jkun jista' jkollu rimedju ġudizzjarju effettiv u rapidu li jippermettilu jinvoka l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur kif iddefinit fl-Artikolu 29(1) u (2) tal-imsemmi regolament, *li seħħet sussegwentement għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment*. Id-dritt li leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti lil tali applikant li jinvoka ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontriha, jissodisfa dan l-obbligu li jiġi previst rimedju ġudizzjarju effettiv u rapidu [23].

55. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fformalizzat l-approċċ tagħha fis-sentenza Hasan [24]. Fil-kawża li wasslet għal dik is-sentenza, Aziz Hasan, wara applikazzjoni għall-ażil fil-Ġermanja, kien ġie ttrasferit fl-Italja, l-Istat Membru tal-ewwel applikazzjoni tiegħu għall-ażil, minħabba ċ-ċaħda fil-Ġermanja tar-rikors għal annullament tiegħu kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment, u kien irritorna illegalment fil-Ġermanja. A. Hasan ippreżenta appell u l-leġiżlazzjoni Ġermaniża kienet tipprovdi li l-qorti adita b'rikors kontra deċiżjoni ta' trasferiment għandha, fil-prinċipju, tagħti deċiżjoni skont is-sitwazzjoni fattwali eżistenti meta tinżamm l-aħħar seduta quddiem dik il-qorti jew, fin-nuqqas ta' seduta, fil-mument meta l-imsemmija qorti tiddeċiedi fuq dan ir-rikors.

56. Fis-sentenza Hasan, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li rreferiet għas-sentenza Shiri, stabbilixxiet li l-applikant għal protezzjoni internazzjonali għandu jkun jista' jkollu rimedju ġudizzjarju effettiv u rapidu li jippermettilu *jinvoka ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment* meħuda fil-konfront tiegħu, meta t-teħid inkunsiderazzjoni tagħhom ikun *determinanti għall-applikazzjoni korretta tar-Regolament Dublin III* [25].

22 Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017 (C-201/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Shiri", EU:C:2017:805).

23 Sentenza Shiri, punt 46.

24 Sentenza tal-25 ta' Jannar 2018 (C-360/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Hasan", EU:C:2018:35).

25 Sentenza Hasan, punt 31. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant segwiet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot (C-360/16, EU:C:2017:653, punt 79), li skontu l-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat fuq id-deċiżjoni ta' trasferiment għandu jkun jista' jirrigwarda, b'mod partikolari, il-punti ta' liġi u ta' fatt sussegwenti għad-deċiżjoni kkontestata u jinkludi l-eventwali żviluppi ta' ċirkustanzi rilevanti sabiex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà tal-Istati Membri sabiex jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali.

57. Fil-kuntest ta' din il-kawża, jidhirli li jistgħu jinsiltu żewġ insenjamenti mill-interpretazzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Shiri u Hasan.

58. Minn naħa, skont id-dritt tal-Unjoni, il-qorti nazzjonali kompetenti hija obbligata tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment. Fil-fehma tiegħi, din is-soluzzjoni hija kompletament iġġustifikata sa fejn, f'dan il-każ, iċ-ċirkustanza invokata setgħet tinfluwenza l-applikazzjoni tar-Regolament Dublin III għall-applikant għal protezzjoni internazzjonali [26]. Issa, dan ir-regolament, kif jirriżulta mill-premessa 5 tiegħu, għandu preċiżament l-għan li jiġu applikati kriterji oġġettivi u ekwi kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni kkonċernati. Jekk ċirkustanza sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment jista', oġġettivament, ikollha effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jkun jista' jinvokaha quddiem il-qorti nazzjonali kompetenti u jibbenefika minnha [27].

59. Min-naħa l-oħra, id-dritt mogħti lill-applikant għal protezzjoni internazzjonali li ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment jiġu eżaminati jinsilet direttament minn dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għal din il-konklużjoni billi interpretat l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta.

60. Jidhirli li huwa ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja, f'dawn iż-żewġ sentenzi, stabbilixxiet il-prinċipju ta' teħid inkunsiderazzjoni imperattiv ta' ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment, iżda biss jekk dawn tal-aħħar jista' jkollhom effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

61. Fil-fatt, l-aċċettazzjoni tal-eżami ta' ċirkustanzi mhux determinanti invokati wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment, permezz ta' rikorsi suċċessivi wieħed jew iktar, tista' twassal faċilment għall-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament Dublin III u b'hekk tikkomprommetti l-għan ta' ħeffa fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, previst fil-premessa 5 ta' dan ir-regolament. Din is-sitwazzjoni tikkostitwixxi użu ħażin tal-mekkaniżmi ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-ewwel dħul fit-territorju tal-Unjoni.

2. Fuq il-portata proċedurali tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III

62. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li ċerti ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qrati nazzjonali aditi b'rikors kontra din id-deċiżjoni, jidhirli li huwa neċessarju, sabiex tiġi ddeterminata l-portata proċedurali ta' dan l-istħarriġ ġudizzjarju, li jiġi eżaminat jekk dan tal-aħħar ġiex armonizzat mid-dritt tal-Unjoni.

[26] Il-Qorti rrepetiet din l-interpretazzjoni dwar it-terminu ta' sitt xhur fis-sentenza tad-19 ta' Marzu 2019, Jawo (C-163/17, EU:C:2019:218, punti 66 sa 69).

[27] Ara Hruschka, C., u Maiani, F., "Dublin III Regulation (EU) nº 604/2013", f'Hailbronner, K., u Thym, D. (edituri), *EU Immigration and Asylum Law: A Commentary*, it-tieni edizzjoni, C. H. Beck/Hart/Nomos, 2016, p. 1478 sa 1604, b'mod partikolari p. 1567, li skonthom l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III jipprevedi eżami sħiħ u *ex nunc* kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti ta' natura ġuridika, bħalma jagħmel l-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32.

a) L-argumenti favur awtonomija proċedurali mogħtija lill-Istati Membri

63. Diversi argumenti testwali jimmilitaw favur ir-rikonoxximent ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-provi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment, fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Regolament Dublin III.

64. L-ewwel argument jinsilet mill-formulazzjoni tal-Artikolu 27(1) ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tipprovdi sempliċement li l-applikant għandu jkollu dritt għal rimedju effettiv, fil-forma ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment jew ta' reviżjoni, fil-fatt u fid-dritt, ta' din id-deċiżjoni, quddiem qorti. L-imsemmija dispożizzjoni bl-ebda mod ma ssemmi l-possibbiltà ta' eżami *ex nunc* mill-qorti nazzjonali adita.

65. Hija sinjifikattiva d-differenza mal-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32, li jistabbilixxi espliċitament li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li rimedju effettiv jipprevedi eżami *sħiħ u ex nunc* kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti ta' natura ġuridika [28]. B'kuntrast ma' dan, is-silenzju tal-leġiżlatur tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-possibbiltà ta' tali eżami fil-kuntest tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III jxaqleb lejn awtonomija proċedurali mogħtija lill-Istati Membri.

66. It-tieni argument jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 7(2) ta' dan ir-regolament, li skontu d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli ssir abbażi tas-sitwazzjoni li kienet teżisti fil-mument li fih l-applikant ressaq l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjoni għall-ewwel darba quddiem Stat Membru. Din hija regola li hija intiża li żżomm l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali milli jevitaw il-kriterji previst mill-imsemmi regolament. Huwa għalhekk li l-istħarriġ *ex nunc* jista' jseħħ biss b'mod eċċezzjonali.

67. Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu interpretati fis-sens ta' assenza ta' regoli tal-Unjoni f'dan il-qasam. Għaldaqstant, f'sentenza reċenti, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq il-formulazzjoni tal-Artikolu 46(4) tad-Direttiva 2013/32, billi ddeċidiet li dan iħalli f'idejn l-Istati Membri sabiex jipprevedu r-regoli neċessarji sabiex l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li r-regoli inkwistjoni f'dik il-kawża jaqgħu taħt il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, fl-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [29].

b) L-argumenti favur l-eżistenza ta' stħarriġ ġudizzjarju armonizzat mid-dritt tal-Unjoni

68. L-argumenti testwali favur awtonomija proċedurali mogħtija lill-Istati Membri ma humiex irrilevanti. Madankollu, jidhirli li l-kwistjoni ġiet deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Shiri u Hasan.

69. Fil-fatt, f'dawk is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja bl-ebda mod ma semmiet awtonomija proċedurali mogħtija lill-Istati Membri, li tasal sal-punt li tiċħad kull possibbiltà ta' eżami mill-qorti nazzjonali kompetenti taċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment. Għall-kuntrarju, kif irrilevajt fil-punt 59 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li tali ċirkustanzi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni

[28] Fuq it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni, ara s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Ahmedbekova (C-652/16, EU:C:2018:801, punt 93). Kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja, l-espressjoni "*ex nunc*" tenfasizza l-obbligu tal-qorti li twettaq evalwazzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni, fejn xieraq, provi ġodda li jkunu dehru wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tkun is-suġġett tar-rikors.

[29] Sentenza tad-9 ta' Settembru 2020, Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (Ċaħda ta' applikazzjoni sussegwenti - Terminu għall-preżentata ta' rikors) (C-651/19, EU:C:2020:681, punti 33 sa 35).

abbaži tal-Artikolu 27 tar-Regolament Dublin III, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta. Huwa minn dawn iż-żewġ artikoli meħuda flimkien, kif ukoll mal-premessa 19 tar-Regolament Dublin III, li l-applikant għal protezzjoni internazzjonali jislet id-dritt li ċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tiegħu jiġu eżaminati mill-qorti nazzjonali kompetenti.

70. Barra minn hekk, din il-ġurisprudenza ma hijiex f'kontradizzjoni mal-formulazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Dublin III. Fil-fatt, minn naħa, skont din id-dispożizzjoni, *l-amministrazzjoni tal-Istat Membru* li fih l-applikant ressaq l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali għandha tiddetermina l-Istat Membru responsabbli abbaži tas-sitwazzjoni li kienet teżisti fil-mument li fih tressqet din l-applikazzjoni. Min-naħa l-oħra, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' dan l-applikant, il-*qorti nazzjonali* adita b'rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment hija obbligata tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi sussegwenti, bħall-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament Dublin III, li jkunu determinanti għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-regolament, fil-kuntest ta' eżami *ex nunc*.

c) Konklużjoni intermedja

71. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja rabtet b'mod ċar id-dritt tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali għal teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment li jista' jkollhom effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu, ma' dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni, li jikkostitwixxu l-bażi legali tiegħu.

72. Minn dan jirriżulta li l-istħarriġ ġudizzjarju ta' dawn iċ-ċirkustanzi sussegwenti huwa armonizzat mid-dritt tal-Unjoni, fis-sens li l-qorti jew il-qrati nazzjonali kompetenti, tkun xi tkun il-leġiżlazzjoni proċedurali nazzjonali dwar il-portata ta' dan l-istħarriġ, għandhom b'mod obbligatorju jieħdu inkunsiderazzjoni ċerti ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment.

3. Fuq is-sitwazzjoni li fiha l-qorti nazzjonali adita b'rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment ma jkollhiex id-dritt li teżamina ċirkustanzi sussegwenti għal din id-deċiżjoni

73. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tas-sitwazzjoni li fiha l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tipprevedix il-possibbiltà, għall-qorti nazzjonali, li tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali.

a) Il-kundizzjonijiet għal konformità tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni

74. Is-sentenzi Shiri u Hasan kienu jirrigwardaw sitwazzjonijiet li fihom il-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tippermetti eżami *ex nunc* taċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment. Madankollu, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ma llimitatx l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza tagħha għall-osservanza ta' din il-kundizzjoni, jidhirli għaldaqstant li din is-soluzzjoni tista' tapplika wkoll għal leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix tali eżami.

75. F'dan il-każ, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jinvoka l-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tistabbilixxi stħarriġ tal-legalità, mill-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin), tad-deċiżjoni kkontestata. Minn dan jirriżulta li din il-qorti tal-aħħar għandha tiddeċiedi abbażi tas-sitwazzjoni fattwali li kienet teżisti fil-mument li fih ittieħdet id-deċiżjoni ta' trasferiment. Waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, il-Gvern Belġjan madankollu sostna li l-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin), fil-kuntest tal-eżami tiegħu, jista' jieħu inkunsiderazzjoni provi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment.

76. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, kuntest li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza [30]. Għaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, wieħed għandu jitlaq mill-idea, minkejja li għandi dubji f'dan ir-rigward, li l-istħarriġ ġudizzjarju mwettaq mill-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) ma jippermettix lil dan tal-aħħar jieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali.

77. *Prima facie*, tali stħarriġ ġudizzjarju ma jidhirx li huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni sa fejn ma jidhirx li jissodisfa l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Shiri u Hasan.

78. Madankollu, minn naħa, fil-fehma tiegħi, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment impost mid-dritt tal-Unjoni ma jimplikax il-modifika tat-tip ta' stħarriġ ġudizzjarju previst mid-dritt nazzjonali, jiġifieri stħarriġ tal-legalità.

79. F'dan is-sens, jidhirli li l-ġurisprudenza tal-Qorti EDB ma teżiġix tali modifika [31]. F'dan ir-rigward, jidhirli li jkun utli li nirrileva li l-Qorti EDB diġà ddeċidiet li, għalkemm il-qorti nazzjonali ma kinitx f'pożizzjoni li tissostitwixxi l-konstatazzjonijiet fattwali tagħha stess għal dawk tal-awtorità amministrattiva, hija kellha l-poter li tiżgura li l-konstatazzjonijiet ta' din tal-aħħar jew id-deduzzjonijiet li kienu jirriżultaw minnhom la kienu arbitrarji u lanqas irrazzjonali, u li wieħed seta' raġonevolment jistenna tali approċċ min-naħa ta' qorti tal-appell f'oqsma ġuridiċi speċjalizzati, b'mod partikolari meta l-fatti kienu ġew stabbiliti minn qabel matul proċedura kważi-ġudizzjarja li kienet tosserva diversi rekwiżiti previsti fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB. Fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti EDB qieset li tali stħarriġ ma kienx jikkonsisti ksur ta' din id-dispożizzjoni tal-KEDB [32].

[30] Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2020, J & S Service (C-620/19, EU:C:2020:1011, punt 31).

[31] Il-Qorti EDB iddeċidiet li, billi adottaw l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 7 tal-KEDB li jinkludi garanziji speċifiċi għall-proċeduri ta' tkeċċija ta' barranin, l-Istati indikaw b'mod ċar l-intenzjoni tagħhom li ma jinkludux dawn il-proċeduri fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-KEDH (Qorti EDB, 5 ta' Ottubru 2000, Maaouia vs Franza, CE:ECHR:2000:1005JUD003965298, punt 37). Madankollu, l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17) jispeċifikaw, fir-rigward tal-Artikolu 47 tal-Karta, li, "[f]il-liġi ta' l-Unjoni, id-dritt għal tribunal mhuwiex limitat għal tilwim konness ma' drittijiet u obbligi ta' natura ċivili. Huwa wieħed mill-konsegwenzi tal-fatt li l-Unjoni hija komunità ibbażata fuq l-istat tad-dritt kif ġie ddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-[sentenza tat-23 ta' April 1986, Les Verts vs Il-Parlament (294/83, EU:C:1986:166)]. Madankollu, fir-rigward ta' l-aspetti kollha barra dak ta' l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, il-garanziji mogħtija mill-KEDB japplikaw b'mod simili għall-Unjoni".

[32] Qorti EDB, 22 ta' Novembru 1995, Bryan vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1995:1122JUD001917891, punt 47).

80. Fis-sentenza Sigma Radio Television Ltd vs Ċipru [33], il-Qorti EDB ġabret fil-qosor l-interpretazzjoni tagħha fil-kuntest tal-eżerċizzju klassiku mill-amministrazzjoni tal-poter tagħha f'oqsma speċjalizzati tad-dritt li jeżiġu esperjenza professjonali partikolari jew konoxxenzi speċjalizzati, billi stabbilixxiet kriterji sabiex jiġi evalwat jekk l-istħarriġ kienx suffiċjenti, fis-sens tal-KEDB. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, sabiex "qorti" tkun tista' tiddeċiedi dwar kontestazzjoni fuq drittijiet u obbligi ta' natura ċivili konformement mal-Artikolu 6(1) tal-KEDB, huwa neċessarju li jkollha ġurisdizzjoni sabiex tikkunsidra l-kwistjonijiet kollha ta' fatt u ta' liġi li jkunu rilevanti għat-tilwima mressqa quddiemha. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-istħarriġ tal-legalità mwettaq minn qorti nazzjonali huwa konformi ma' dawn ir-rekwiżiti.

81. Abbażi ta' din il-ġurisprudenza, huwa possibbli li jitqies li, fl-assenza ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar din il-kwistjoni, dan tal-aħħar ma jistax jeżiġi li Stat Membru, fil-kuntest tat-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali, jimponi fuq il-qorti nazzjonali adita li tiddeċiedi b'ġurisdizzjoni sħiħa.

82. Min-naħa l-oħra, peress li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti ċirkustanzi sussegwenti huwa obbligatorju sabiex ikun hemm konformità mad-dritt tal-Unjoni, inqis li l-eżami ta' dawn iċ-ċirkustanzi għalhekk għandu jitwettaq mill-istess qorti nazzjonali, inkluż fil-kuntest ta' azzjoni oħra, jew permezz ta' azzjoni mressqa quddiem qorti nazzjonali oħra, bil-kundizzjoni li dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu rimedju ġudizzjarju effettiv u rapidu [34]. F'dan is-sens, is-sentenza mogħtija, mingħajr ma tikkompromett l-għan ta' ħeffa fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, għandha tkun vinkolanti għall-qorti adita bir-rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment. Fil-fatt, l-applikant għal protezzjoni internazzjonali għandu jkun jista' jibbenefika minn teħid inkunsiderazzjoni reali taċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment li jista' jkollhom effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, sabiex jiġi ggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri ta' għoti ta' protezzjoni internazzjonali.

83. Bħala konklużjoni, il-fatt li l-istħarriġ ġudizzjarju taċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment huwa armonizzat mid-dritt tal-Unjoni ma jċaħħadx lill-Istati Membri mill-possibbiltà li jaħtru l-qrati kompetenti u li jirregolaw il-modalitajiet proċedurali tar-rikorsi fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tar-Regolament Dublin III u tal-Artikolu 47 tal-Karta. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-legalità ta' deċiżjoni ta' trasferiment tkun tista' tiġi kkontestata meta ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment ikunu determinanti għall-applikazzjoni tajba ta' dan ir-regolament.

84. Huwa minnu li tidher li hija żgħira ħafna d-differenza mas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Unibet [35], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jirrikjedix l-eżistenza, fl-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru, ta' rimedju awtonomu bil-għan li tiġi eżaminata, b'mod prinċipali, il-konformità ta' dispożizzjonijiet nazzjonali mal-Artikolu 49 KE (li sar l-Artikolu 56 TFUE), kemm-il darba jkunu jeżistu rimedji ġuridiċi effettivi oħra, li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw l-azzjonijiet nazzjonali simili, li jippermettu li tiġi evalwata din il-konformità b'mod inċidentali.

[33] Qorti EDB, 21 ta' Ottubru 2011 (CE:ECHR:2011:0721JUD003218104, punti 151 sa 157).

[34] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Shiri, punt 44, u Hasan, punt 31.

[35] Sentenza tat-13 ta' Marzu 2007 (C-432/05, EU:C:2007:163).

85. Madankollu, din id-differenza tirrigwarda l-fatt li, fil-kuntest tar-Regolament Dublin III, teżisti bażi legali speċifika għall-istħarriġ imwettaq mill-qrati nazzjonali, jiġifieri l-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament, li jistabbilixxi *rikors prinċipali* kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment. Mill-banda l-oħra, f'dak li jirrigwarda ċ-ċirkustanzi sussegwenti għal din id-deċiżjoni invokati mill-applikant għal protezzjoni internazzjonali, il-modalitajiet tal-istħarriġ ġudizzjarju nazzjonali jistgħu jkollhom diversi forom, kemm-il darba jiġu osservati l-kundizzjonijiet previsti, fil-fehma tiegħi, mid-dritt tal-Unjoni, kif imsemmija fil-punt 82 ta' dawn il-konklużjonijiet.

b) L-eżistenza ta' azzjoni b'urġenza u għal miżuri provviżorji

86. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Belġjan isostni li, skont il-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980[36], it-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment isir b'urġenza estrema, fil-forma ta' proċeduri amministrattivi għal miżuri provviżorji. Il-President tal-Awla jew l-Imħallef għall-Kwistjonijiet dwar Barranin għalhekk ikollu jwettaq eżami tal-provi kollha prodotti għall-konjizzjoni tiegħu. Id-dritt Belġjan għaldaqstant jipprevedi eżami *ex nunc* tas-sitwazzjoni tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali. Fil-kuntest tal-miżuri provviżorji, il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) ukoll ikollu jwettaq eżami *ex nunc*. Għaldaqstant, ir-rikorsi kollha mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' dan l-applikant jippermettu t-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment.

87. Kif jissemma fil-punt 82 ta' dawn il-konklużjonijiet, jidhirli li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' tali ċirkustanzi sussegwenti jista' jitwettaq fil-kuntest ta' azzjoni differenti mill-azzjoni kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment, bil-kundizzjoni li din tikkostitwixxi rimedju ġudizzjarju effettiv u rapidu iżda, f'dan ix-xenarju, is-sentenza mogħtija fil-kuntest ta' dan ir-rikors l-ieħor għandha tkun vinkolanti għall-qorti adita bir-rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment.

88. Għaldaqstant, magħqudin flimkien, ir-rikorsi mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru għandhom jippermettu teħid inkunsiderazzjoni sħiħ taċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment li jista' jkollhom effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. F'dan is-sens, dawn ir-rikorsi għandhom ikunu jistgħu jwasslu sabiex id-deċiżjoni ta' trasferiment ma tiġix eżegwita, *b'mod definittiv*, jekk iċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment ikollhom tali effett.

89. Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, is-sistema ta' kooperazzjoni stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE hija bbażata fuq separazzjoni netta tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kuntest ta' kawża mressqa skont dan l-artikolu, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali għandha ssir mill-qrati tal-Istati Membri u mhux mill-Qorti tal-Ġustizzja, u ma huwiex kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' regoli tad-dritt intern mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti lill-qorti nazzjonali l-gwidi kollha għall-interpretazzjoni li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni li jippermettulha tevalwa l-kompatibbiltà ta' regoli tad-dritt intern mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni[37].

[36] F'dak li jirrigwarda din il-liġi, ara Carlier, J.-Y., "Évolution procédurale du statut de l'étranger: constats, défis, propositions", *Journal des tribunaux*, Nru 6425, 12 ta' Frar 2011, p. 117.

[37] Sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Syndicat CFTC (C-463/19, EU:C:2020:932, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika sa fejn id-diversi rikorsi previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jippermettu li tiġi ssodisfatti l-kundizzjoni ta' effett sħiħ mogħti liċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment li jista' jkollhom effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

91. Fl-ipoteżi li dan huwa l-każ, il-leġiżlazzjoni Belġjana tkun konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenzi Shiri u Hasan. Fil-każ oppost, l-obbligu, għall-qorti nazzjonali, li tieħu tali ċirkustanzi sussegwenti inkunsiderazzjoni ma jkunx issodisfatt fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni.

4. Fuq iċ-ċirkustanza li, wara li l-applikazzjoni tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali ġiet miċħuda fi Stat Membru, ħuh ressaq l-istess applikazzjoni f'dan l-Istat Membru

92. Jekk jitqies li d-dritt nazzjonali jippermetti t-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali, għandu jiġi eżaminat sa fejn il-fatt invokat mill-appellant, jiġifieri li, wara ċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, ħuh stess ressaq applikazzjoni fl-istess Stat Membru, jista' jkollu effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Regolament Dublin III.

93. F'dan ir-rigward, l-appellant sostna li, minħabba n-natura komuni tal-elementi ta' persekuzzjoni mġarrba minnu u minn ħuh, eżami konġunt tal-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali, f'dan il-każ mill-awtoritajiet Belġjani, ikun ta' natura li jiġu ggarantiti analiżi ekwa ta' dawn l-applikazzjonijiet u aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod li tiġi ostakolata d-deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tiegħu.

94. F'dak li jirrigwarda dan l-argument, għandu jiġi enfasizzat li kull applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tiġi pproċessata billi jiġi eżaminat il-każ partikolari tal-applikant. Kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżiti ta' evalwazzjoni individwali u ta' eżami eżawrjenti tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali jirriżulta li l-applikazzjonijiet imressqa separatament minn membri ta' familja waħda, minkejja li jistgħu jiġu suġġetti għal miżuri intiżi sabiex tiġi ġestita kull konnessjoni possibbli, għandhom ikunu s-suġġett ta' eżami tas-sitwazzjoni ta' kull persuna kkonċernata. Konsegwentement, dawn l-applikazzjonijiet ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni komuni [38].

95. Ir-Regolament Dublin III madankollu jistabbilixxi kriterji speċifiċi, li jista' jkollhom effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tas-sitwazzjoni tal-membri tal-familja li jkunu applikanti għal protezzjoni internazzjonali, kif previst fl-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament.

96. F'dan il-każ, ħu applikant għal protezzjoni internazzjonali ma jistax jitqies li huwa wieħed mill-"memri tal-familja", fis-sens tal-punt (g) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Dublin III, fid-dawl tad-definizzjoni mogħtija f'din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, la l-applikant u lanqas ħuh ma

[38] Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Ahmedbekova (C-652/16, EU:C:2018:801, punt 58).

jistgħu jibbenefikaw, fi kwalunkwe każ, mill-applikazzjoni tal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament [39]. Barra minn hekk, persuna maġġorenni, bħalma huwa ħu l-appellant, ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-imsemmi regolament.

97. Waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, l-appellant indika li l-applikazzjoni tiegħu kienet marbuta mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament Dublin III, li jipprevedi klawżola diskrezzjonali li skontha, b'deroga mill-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament, kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali imressqa lilu minn ċittadin ta' pajjiż terz, anki jekk dan l-eżami ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji stabbiliti mill-imsemmi regolament.

98. Madankollu, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jimponix li jiġi previst rikors kontra d-deċiżjoni li ma jsirx użu mill-possibbiltà prevista fl-Artikolu 17(1) ta' dan ir-regolament, bla ħsara għall-fatt li din id-deċiżjoni tista' tiġi kkontestata fil-kuntest ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment [40].

99. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sempliċi fatt li, wara l-adozzjoni, mill-ewwel Stat Membru, ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' residenza fil-konfront ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali, billi tqies li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu, ħu dan l-applikant ressaq applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-ewwel Stat Membru ma jidhirx li huwa ċirkustanza sussegwenti li jista' jkollha effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali, fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Regolament Dublin III, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta.

V. Konklużjoni

100. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju) kif ġej:

L-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippreskludi li applikant għal protezzjoni internazzjonali ma jkollux rimedju ġudizzjarju li jippermettilu jinvoka ċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tiegħu li jista' jkollhom effett fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu. Tali ċirkustanzi sussegwenti għandhom ikunu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-istess qorti nazzjonali li tkun iddeċidiet dwar id-deċiżjoni ta' trasferiment, inkluż fil-kuntest ta' azzjoni oħra, jew permezz ta' azzjoni mressqa quddiem qorti nazzjonali oħra, bil-kundizzjoni li dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu rimedju ġudizzjarju effettiv u rapidu, li l-eżitu tagħhom ikun vinkolanti għall-qorti adita bir-rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, bil-għan li jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

[39] Il-qorti tar-rinviju tindika barra minn hekk fid-deċiżjoni tagħha li l-appellant ma jikkontestax li l-Artikolu 10 tar-Regolament Dublin III ma huwiex applikabbli għalih.

[40] Sentenza tat-23 ta' Jannar 2019, M.A. *et* (C-661/17, EU:C:2019:53, punt 79).